**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Guramentat nru : 238/2020AGV**

**EMV**

**Vs**

**RC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-**rikors guramentat ta' EMV , fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet m'humiex mizzewgin izda frott ta' relazzjoni li kellhom, twieldet il-minuri N G C li ghandha hames (5) snin (ara ic-certifikat tat-twelid taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok. A).

2. Illi r-rikorrenti hija omm tajba u trid l-ahjar ta' bintha pero' ghas-snin li kienet f'relazzjoni mal-intimat, liema relazzjoni tista' tissejjah biss bhala wahda tossika, l-istess rikorrenti spiccat vittma tal-karattru pussessiv, aggressiv, negattivi u vjolenti da parti tal-intimat bir-rizultat li spiccat tibza' minnu u spiccat kkontrollata minnu sal-punt li taghmel dak li jghid hu sfortunatament ir-rikorrenti kienet taf li jekk ma taghmilx dak li jrid hu, tispicca taqla` s-swat u tispicca rikattata ghax fil-passat ( u qabel ma bdiet ir-relazzjoni taghhom) kien hemm episodju fejn spiccat rikoverata l-isptar u tali episodju baqa` jintuza mill-intimat bhala rikatt u manipulazzjoni shiha. Wara tali episodju r-rikorrenti hadet l-ghajnuna neccessarja minghand il-professjonisti, rpiljat u gabet is-sahha sabiex finalment tqum fuq saqajha u tohrog minn relazzjoni tant tossika li kellha mal-intimat.

3. Illi r-rikorrenti kienet qieghda tigi mhedda kontinwament li jekk mhux ser taccetta d-demands tal-intimat, ser juza dan l-episodju wiehed ta' djufija kontra biex jirbah lit-tifla. L-intimat ried li jikkontrolla kull aspett ta' hajjitha. Fi kliem l-istess intimat "isma jekk mintix tiffirmahieli ha nirbahhielek l-ghazla f'idejk ehh," (ara l-ewwel parti tat-tielet pagna ta' Dok EMV1 anness kemm ma' Dok B kif ukoll ma' Dok. C annessi).

4. Illi hemm zmien fejn ir-rikorrenti kienet tghix mal-intimat ( jew ahjar kienet spiccat f'sitwazzjoni fejn hajjitha kienet ikkontrollata minnu b'dan li lanqas kien ihallilha taghmel kuntatt mal-familjari taghha) sakemm

imbaghad giet imkeccija minn hemm b'dan li bl-aktar mod arbitrarju l-intimat u l-familjari tieghu iddecidew li m'hijiex omm idoneja sabiex trabbi llil-minuri jew li tghix maghha u pruvat (tramite l-intimat) li jgieghluha tiffirma kuntratt fejn taghti l-kura u l-kustodja esklussiva lill-intimat taht il-pretensjoni li r-rikorrenti tkun tista' trabbi lill-minuri dejjem jekk kollox ikun approvat mill-intimat u f'kaz li le, abbazi tal-istess kuntratt ikun jista' jiehu lill-minuri minghandha minghajr ebda problema ta' xejn . Fi kliem l-istess intimat izommha mieghek zgur li le tista' zzommha mieghek insa sakemm ikollna xi haga ffirmata. ( ara l-ewwel pagna ta Dok EMV1 anness kemm ma' Dok B kif ukoll ma' Dok C hawn annessi) fil-verita' l-intimat s'issa dejjem uza d-dominanza tieghu u l-fatt li r-rikorrenti fil-passat kienet tibza minnu ikompli jghakkisha u dan anke billi jdawwar id-diskors u jghid sentenzi kontradittorjali biex imbaghad juza' tali kontradizzjoniiet kontra r-rikorrenti stess u jipprova jghaddilha ta' wahda li m'hijiex f'sensija jew li m'hijiex kapaci (ara t-tieni pagna ta' Dok EMV1 anness kemm ma Dok B kif ukoll ma Dok C hawn anness).

5. Illi r-rikorrenti diga' gabet a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti diversi fatti, provi u evidenza ta' dak deskritt aktar 'il fuq u dan kemm permezz ta' rikors (ara Dok. B hawn anness) liema rikors sfortunatament kien gie rtirat wara li l-istess rikorrenti waqghet ghall-pressjoni li ghamiliha l-intimat u ghazla li tirtira tali rikors bit-tama li l-partijiet jaslu fi ftehim bonarju fuq il-minuri-pressjoni li naturalment ma wasslet ghal xejn hlief ghal aktar abbuzi, manipulazzjoni u kontroll assolut da parti tal-intimat kif ukoll permezz ta rikors iehor il-provi u wassal ghal digriet sabiex prezentament l-istess rikorrenti ghadha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Nina kif jirrizulta minn Dok D hawn anness.

6. Illi kif jirrizulta mid-digriet ta din l-Onorabbli Qorti datat it-3 ta' Novembru 2020 (ara Dok D) l-intimat m'huwiex missier idoneju sabiex irabbi lill-minuri jew li jigi fdat bil-kura u l-kustodja taghha jew li jkun wahdu mal-istess minuri u dan ghal ragunjiet serjissimi fosthom minhabba images ta' pedofelija tat-tfal li nstabet ghand l-istess intimat kif ukoll minhabba l-mod ta' kif jagixxi l-istess intimat fil-prezenza ta' bintu (b'disrispett assolut lejn ir-rikorrenti u bi kliem dispregattiv lejha kif ukoll minhabba l-karatru tossiku u vjolenti tieghu kif ser jirrizulta mill-qari tal-istess Digriet u kif ser jirrizulta wkoll fil-mori tal-kawza).

7. Illi hu ghalhekk li l-access tal-intimat ghal bintu N ghandu jkompli jkun taht supervizjoni kif wara kollox gie ordnat minn din l-istess Onorabbli Qorti permezz tad-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2020.

8. Illi r-rikorrenti ghandha l-karatteristici kollha, l-abbilitajiet kollha u s-sapport kollu rikjest sabiex tghajjex u trabbi lill-minuri b'mod esklussiv, tieghu d-decizjonijiet kollha relatati mal-istess minuri wahedha u taghti hajja serena u trankwilla lill-istess minuri.

9. Illi hu fl-ahjar interess tal-minuri li r-rikorrenti tigi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tal-istsess minuri N, li r-residenza tal-istess minuri tkun mar-rikorrenti ommha, li d-decizjonjiet relatati mal-istess minuri (kemm dawk ordinarji kif ukoll dawk straordinarji) jittiehdu esklussivament mir-rikorrenti ommha, li kwalunkwe dokument jew hrug jew applikazzjoni ta' passaport isir esklussivament mir-rikorrenti omm ukoll u dan kif ser jirrizulta ahjar fil-mori tal-kawza.

10. Illi l-intimat ghandu jerfa' r-responsabbilita' bhala missier u jhallas manteniment gust u ekwu ghal bintu.

11. Illi kif jirrizulta mid-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat it-3 ta' Novembru 2020 (ara Dok. D hawn anness) il-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx u permezz tal-istess Digriet ir-rikorrenti giet awtorizzata tintavola l-kawza odjerna.

Ghaldaqstant , jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex :-

1) Tikkonferma b'mod definittiv id-digriet ta' din l-istess Onorabbli Qorti datat it-3 ta' Novembru, 2020 billi tiddikjara u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Nina f'idejn ir-rikorrenti omm b'mod esklussiv.

2) Tikkonferma b'mod definittiv id-digriet tal-istess Onorabbli Qorti datati t-3 ta' Novembru, 2020 billi tordna li r-residenza tal-istess minuri Nina ghandha tkun mar-rikorrenti ommha.

3) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex b'mod esklussiv tiehu dawk id-decizjonijiet kollha ( kemm ordinarji kif ukoll starordinarji) relatati mal-minuri N.

4) Tizvesti lill-intimat mill-awtorita' tal-genitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' disposizzjoni ohra rilevanti u applikabbli fl-interess suprem tal- minuri u tvesti l-awtorita tal-genitur esklussivament f'idejn l-istess esponenti EMV  sabiex ikollha d-dritt, responsabbilita' u awtorita' li tiehu dawk id-decizjonijiet kollha ordinarji u straordinarji ghal bintha minuri inkluz dawk ghat-trobbija, edukazzjoni , sahha u religjon taghha fl-ahjar interess tat-tifla b'dawk il-modalitajiet kollha li jidrilha xierqa u opportuni.

5) Tikkonferma b'mod definittiv id-digriet tal-istess Onorabbli Qorti datat 3 ta' Novembru 2020 billi tordna li l-access ezercitabbli mill-intimat isehh biss u esklussivament taht is-supervizjoni tal-Agenzija tal-Appogg jew taht xi entita' ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li tkun xierqa fic-cirkostanzi.

6) Tiffissa u tilikwida somma adekwata ghall-manteniment ghal-minuri, liema manteniment ghandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u s-sahha tal-istess minuri.

7) Tordna li tali manteniment hekk iffissat u likwidat jghola kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

8) Tordna lill-intimat sabiex ihallas din is-somma hekk likwidata direttament lir-rikorrenti f'kont bankarju ndikat mill-istess rikorrenti f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull erba gimghat.

9) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex b'mod esklussiv tapplika ghall-passaport relattiv tal-minuri minghajr il-kunsens , awtorizazzjoni jew il-firma tal-intimat.

10) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex b'mod esklussiv issiefer barra minn Malta fuq btajjel flimkien mal-minuri N minghajr il-firma u awtorizazzjoni jew kunsens tal-intimat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Il-Qorti,

**Rat ir-Risposta Guramentat ta' RC fejn eccepixxa s-segwenti:-**

**I**lli huwa minnu li l-partijiet kellhom relazzjoni li llum il-gurnata tkissret irrimedjabilment u minn liema relazzjoni twieldet it-tifla NG C li illum ghandha sitt snin.

Illi r-rikorrenti tirrileva illi f'dawn l-ahhar ftit xhur hija hadet lil bintha b'success illi l-esponenti jixtieq josserva illi huwa ha hsieb lil binthu N b'success tal dawn is-snin ta' hajjitha kollha hlief ghal dawn l-ahhar ftit xhur.

Illi r-rikorrenti qieghda tallega li l-esponenti kien tip pussessiv u vjolenti. L-esponenti jichad kompletament dawn l-allegazzjonijiet mitfughin f'mod legger u minghajr provi biex juru l-veracita' taghhom stante illi huwa qatt u qatt ma kien pussessiv jew vjolenti la fuq ir-rikorrenti u wisq anqas fuq bintu N. Illi jew hemm xi hadd li kien vjolenti f'din r-relazzjoni kienet r-rikorrenti li kemm il-darba kienet vjolenti kemm fuqha nnifisha kif ukoll fuq l-esponenti u sahansitra fuq it-tifla N.

Illi r-rikorrenti qeghda wkoll tiddikjara illi hija ma tixtieqx ikollha xi forma ta' kuntatt mal-esponenti , lanqas bil-mobajl, stante li app li kreja l-istess esponenti, hija propju App li permezz taghha wiehed ikun jista jaghmel tracking ta' persuna u konsegwentment l-aktar haga li ma tridx hu li l-esponenti jiskopri fejn qeghda izda anke dan huwa assolutament mhux minnu. L-unika app li kreja l-esponenti kien jisimha Malta Story u bhala ma jindika l-istess isem tal-App kienet relatat ma' siti storici f'Malta u l-iskop taghha kien ghat-turisti. Din l-App, kellha mappa ta' Malta b'dawn is-siti kollha mnizzlin fuqha u wiehed seta' jsib informazzjoni fuq kull sit. Jekk wara wiehed jiddeciedi li jzur il-post l-App kienet taghtih

direzzjonijiet bil-GPS billi tiftahlu l-Google Maps (il-listing ta' din l-APP hija mehmuza ma' din ir-risposta u mmarkata bhala Dok. MS1). Inoltre ta' min jghid li meta l-esponenti kreja l-izvilupp ta' dina l-App, tfaccat il-pandemija u ghalhekk sfortunatament kienu waqfu wkoll it-turisti u ghalhekk ghalkemm din l- App ghandha tinsab fuq Google Play Store sakemm jispicca t-terminu tal-kont in realta' din l-APP ma tahdimx. Dan kollu tafu sew ir-rikorrenti izda tibqa tuzaha bhala skuza sabiex takkuzah li qed jaghmel t*racking* taghha.

Illi a bazi tal-fatt li l-APP li kien ikreja l-esponenti ma kellu x'jaqsam xejn mat-tracking ta' persuna kif ukoll a bazi tal-fatt li r-rikorrenti tafu dan l-esponenti wisq jinkwieta li l-paranoid ideas li kien semma l-psikjatra Dr. Anton Grech fix-xhieda tieghu tal-24 ta' Lulju 2020, fejn kien qed jitkellem dwar l-istat tar-rikorrenti f'Lulju tal-2012 u cioe' meta kienet ghadha ma tohrogx mal-esponenti, izda ma certu Mario Hili qed jergghu jitfaccaw, kienet qed tbati minn paranoid ideas kienet qed tahseb li hemm nies jiffolowjawha u specjalment minn l-electronics things mill-mobile u hekk, jigifieri hafna u kont bdejtilha kura jisima Risperidon li tinghata waqt psikozi. Dr. Maria Bezzina fix-xhieda taghha tas-16 ta' Lulju 2020 tispjega "***meta inti ghandek storja ta'xi haga hi x'inhi fil-medicina dejjem ghandek riskju li certu sintomi jerghu johorgu illi u jekk mhuwiex il-kaz li regghu hargu s-sintomi ta' paranoid ideas li hemm in-nies jiffolowjawha specjalment minn electronic things allura jkun iffiser illi r-rikorrenti hija konxja li qed taghmel allegazzjonijiet inveritiera.*** ''

Illi a bazi ta' dawn l-allegazzjonijiet inveritieri u tal-fatt li prezentament l-esponenti ghandu access ghal bintu fil-prezenza tal-Agenzija Appoggi r-rikorrenti qieghdha titlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex tiffirma ghall-applikazzjoni tal-hrug tal-passaport tal-minuri, wahedha u b'mod esklussiv minghajr il-htiega ta' xi forma t'intervent da parti tal-istess esponenti.

Illi kemm jekk f'ghazla ta' skola jew decizjoniijiet ohra relatati mat-tifla fil-passat, qatt ma kien hemm problema bejn il-partijiet sabiex dawn jigu decizi flimkien u l-esponenti qatt ma wera li mhux kapaci li jkollu komunikazzjoni mar-rikorrenti semmai hija r-rikorrenti li minhabba dawn l-idejat erroneji ta' tracking li qed tibblokkja kwalunkwe komunikazzjoni mal-esponenti missier.

Illi l-esponenti ghad ghandu awtorita' parentali flimkien mal-omm fuq bintu N u ghandu access ghal bintu u ghalhekk ghandu kull interess u mhabba lejn bintu sabiex jikkawtela li kull ma jsir ikun fl-ahjar interess ta' N. Ghalhekk ghandu kull interess li jkun jaf jekk bintu ser issiefer jew le u jekk tali safar jeffetwa l-istudju tat-tifla jew l-access taghha ma' missierha f'mod dewmieni u dana fl-ahjar interess tal-minuri. Illi jekk r-rikorrrenti thoss xi problema, biex tikkomunika mal-esponenti ghal hrug ta' passaport, setghet taghmel dan tramite' l-avukat tal-partijiet. Setghet anke titlob dan tramite' dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-esponenti jixtieq jispjega umilment lil dina l-Onorabbli Qorti, illi filwaqt illi ghandu kull interess li bintu tibqa' bir-residenza taghha Malta, kif ukoll ghandu kull interess li bintu ma ssiefirx ghal zminijiet twal li jistghu jfixxklu jew l-edukazzjoni taghha jew l-access taghha ma' missierha huwa jixtieq hafna dak kollu li huwa fl-ahjar interess ta' bintu inkluz btala ma ommha f'xi post fl-Unjoni Ewropeja fejn tista' tiehu gost it-tifla. Bhal per ezempju xi granet il-Euro Disney jew kif semmiet l-omm xi weeekend Sqallija u lest li jiffirma passaport limitat ghal dan l-iskop. Il-problema hija illi r-rikorrenti tixtieq passaport minghajr anqas ma taf a) jekk ser issiefer bit-tifla , b) fejn ser issiefer u c) kemm ser iddum il-mawra. Ghalhekk l-esponenti jhoss illi r-rikors odjern m' huwa xejn hlief abbuz sabiex tottjeni passaport tat-tifla f'idejha sabiex imbaghad taghmel li trid u tmur fejn trid u dan mhux neccessarjament ikun fl-ahjar interess tal-minuri.

Illi f kaz, illi r-rikorrenti tixtieq tmur ghall-btala mal-minuri bil-modalitajiet hawn fuq imsemmija, l-esponent missier jiddikjara minn issa illi ma joggezzjonax sabiex jinhareg passaport limitat ghal dawk il-granet tal-btala tal-minuri, izda l-

esponenti joggezzjona ghall-passaport mahrug f'mod fejn il-omm tkun tista' meta jfettlilha taqbad u tmur tghix bit-tifla barra minn Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti fejn qed titlob b'mod esklussiv tapplika ghall-passaport tal-minuri minghajr il-kunsens jew awtorizazzjoni jew il-firma tal-esponenti u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun fic-cirkustanzi.

Rat l-atti tal-medjazzjoni numru

Rat ir-Rapport tal-Avukat tat-tfal datat 4 ta' Ottubru, 2021.[1]

Rat ir-Rapport tad-Direttorat ghall-Harsien tat-tfal[2] u dak tal-21 ta' Jannar, 2022[3] u tal-20 ta' Gunju, 2022.[4] u dak tal-4 ta' Jannar, 2023.[5]

Rat ir-Rapport tal-Psikologa Forensika Mrs. Marie Bajada.[6]

**FATTI**

**L-attrici** spjegat li wara d-digriet li nhareg fit-3 ta' Novembru, 2020, l-avukat taghha kienet infurmatha li kienet inghatat l-kura u kustodja tal-minuri N. Meta marret tigbor lit-tifla kienet mghawwija minghand il-konvenut u kien zmien difficli peress li kienet ilha ma tkun mat-tifla ghal xi xahrejn. Biex ma jkunx hemm daqshekk tibdil f'hajjet it-tifla, kienet thalliha ccempel lil missierha kull filghodu, izda mbaghad kienet waqqfithom peress li kien beda jwieghdha li ser jerga' jmur ghaliha u t-tifla ma kinitx qed tikkoopera maghha ghax tibqa' bit-tama li l-ghada li missierha ser imur ghaliha.

[1] Fol. 207
[2] Dok. AG a fol. 211 tal-process
[3] Dok. AG a fol. 230 tal-process
[4] Dok. AG a fol. 352 tal-process
[5] Dok. VC
[6] Fol. 237 tal-process

Ghal bidu li marret lura maghha lanqas ma kienet tkellem lil hadd u lanqas man-nanniet materni ma kienet tkompli. Illum sar miljorament u t-tifla tkompli hafna u dhulija hafna u jaghmlu hafna affarijiet flimkien.

Tametti li prezentement issegwu tlett professjonisti li jahdmu id f'id. Dr .Louise Ghirlando, Marieliese Scicluna u Dr. Maria Bezzina Xuereb. Tispjega li ghand Dr.Louise tmur sabiex titghallem kif ma tirrabbjax mat-tifla u sabiex titghallem kif ser tispjegalha dwar il-proceduri tal-Appogg. Dr. Scicluna tmur ghandha sabiex tkun tista' tiffokka izjed u tgharaf fejn qed tizbalja peress li kemm hi kif ukoll it-tifla ghaddew minn hafna affarijiet.

Tikkonferma li minn mindu t-tifla minuri N giet tghix maghha kienet iktar libera u rrilassata. M'ghadhiex tkun protettiva fuqha u llum tadura lin-nanniet materni.

Tishaq li mhix ser twaqqaf it-terapija mal-professjonisti msemmija peress li ghandha bzonn is-support taghhom.

Bhala xoghol kienet waqfet mill-impjieg full time li kellha u kienet bdiet tahdem billi tghin lil missierha li ghandu ammont sostanzjali ta' proprjetajiet Ghawdex. Ma kienx itiha paga, izda kien ihallsilha l-avukat, l-ispejjes tal-Qorti u l-insurance tal-karozza. Sakemm kienet tahdem hafna minn dawn l-ispejjes ukoll kien hallashom missierha.

Tikkonferma pero' li f'Settembru, 2022 ghandha tibda tahdem bhala administrator ta' zewg progetti ta' missierha u ser tiba tircievi paga. Sadanittant kienet tircievi beneficcji ta' single mother. Iktar tard jidher li irrizultaw xi problemi f'sahhet omm l-attrici u ghalhekk kienet bdiet tmexxilha l-business taghha u sadanittant il-progett kellu jigi pospost. Pero' tikkonferma li m'ghandha l-ebda problemi finanzjarji.

Tammetti li kien hemm episodju fejn kienet gibdet it-tifla u waddbitha fuq is-sodda u dan minhabba li kienet qed taghmel xenata u kienet qed tipprova tkisser

tablet. Kienet ammettiet dan ma' Andreana Gellel tal-Appogg. Dan kien sehh f'April, 2021.

Dwar tibdil fl-iskola tat-tifla tikkonferma li kienet bidlitilha l-iskola tlett darbiet. L-ewwel meta rebhet il-kura u kustodja tal-minuri kienet tattendi l-iskola ta' Hal Tarxien, fejn oht il-konvenut kienet LSA hemm u bdiet tiddejjaq tattendi hemmhekk. Imbaghad kienet bdiet tattendi online school u kienet damet sentejn. Sussegwentement kienet bdiet tattendi l-iskola ta' Hal Ghaxaq li ghalqet u ttrasferewhom f'skola Hal Safi pero' l-lezzjonijiet kienu qed jinzammu f'kontejners. Gara ukoll li hu l-konvenut kien LSE hemmhekk u bdiet thossha skomda.

**Il-konvenut** isemmi li kien id-digriet ta' dina l-Qorti diversament ippreseduta datat 3 ta' Novembru, 2020 li gab tibdil f'hajjithom. Ighid li qatt mhux ser jinsa l-biki tat-tifla dakinhar li kellha titlaq minn mieghu u ghadha bl-isperanza li tmur lura mieghu. Maz-zmien pero' jammetti li t-tifla marret ghall-ahjar ghax ma baqghetx tara l-glied li kien hemm bejnu u l-attrici. Ma kellux ghazla u kellu jkecci l-attrici. Jinnega li kien isawwatha u jekk kien jibghat xi sms it-theddid ma kienx fuq il-persuna.

L-iktar li kien ha ghalih kien meta l-attrici kienet talbitu xi hwejjeg lura tat-tifla u kien ha r-rigal tal-Milied mieghu u ma hallitux jara lill-minuri N . Dakinhar tant kien imbikkem li spicca kellu attakk ta' qalb u lum jikkura ruhu minhabba f'hekk.

Ighid li certu affarijiet qed jigru li qed jaffettwaw lill-minuri, bhal li tivvjagga hafna bejn Malta u Ghawdex u tghejja u per konsegwenza lanqas tiekol sew. Minhabba f'hekk mhux dejjem tkun tajba u tfalli l-iskola.

Isemmi ukoll li l-minuri qed tithalla tara programmi inadekwati ghall-eta' taghha bhal programm "Wednesday" fejn jidhru xeni drammatici ta' vjolenza estrema

fejn nies jigu dekapitati u jintuza lingwagg vulgari u ta' mibeghda.[7] It-tifla anke tkun trid tilbes bl-iswed minhabba l-influwenza ta' dan il-programm.

Jishaq li qed ikun hemm nuqqas ta' attendenza ghall-Muzew u religjon u minflok qed tattendi d-duttrina, sar jaf mill-minuri li qed tattendi lezzjonijiet ta' pole dancing. Imbaghad in kontro-ezami jghid li wara l-precett kien hemm zmien li t-tifla ma kinitx qed tattendi l-Muzew u kien prezenti meta s-Superjura qaltlilha dan, izda l-minuri kienet qatlu ukoll li kienet ser terga' tibda tattendi.

Jinsisti li l-attrici qed tikkrea nuqqas ta' stabbilita' f'hajjet it-tifla billi qed tbidlilha l-iskejjel wisq frekwenti u l-istess attrici telqet mix-xoghol taghha fejn kellha impjieg fis.

Ighid ukoll li ghalkemm l-attrici kienet immeljorat hafna wara li kienet ghamlet attentat ta' suwicidju, izda kien hemm incidenti fejn tirrikorri ghall-vjolenza mal-minuri kif ammettiet hi stess. Kien jitlobha tiehu l-ghajnuna u peress li ma semghetx minnu ma setghux jibqghu jghixu flimkien.

Madanakollu, meta l-minuri kienet tghix mieghu qatt ma cahhadha milli tikkomunika m'ommha. Dejjem ra kif ghamel sabiex l-attrici tara lill-minuri, anke waqt il-Covid kienu jikkomunikaw onlajn. Jametti li kien hemm xi gimghat fejn l-attrici ma ratx il-minuri.

Peress li l-attrici kienet titlaq Ghawdex, mhux minnu li kien offra li jhallas kirja ta' post bil-kundizzjoni li jinghata l-kura u kustodja tat-tifla. Kien qalilha li ghall-istabbilita' tat-tifla jkun ahjar li jkollha dar wahda u kienet qablet li jkollu l-kura u kustodja u kellu jsir abbozz f'dan is-sens.

Dwar id-digriet li hareg fit-3 ta' Novembru, 2020 jinnega li dan kien inhareg minhabba l-akkuzi tal-pornografija u jghid li r-raguni hija mnizzla fl-istess digriet.

Ighid li waqt l-access mal-minuri jiehdu gost hafna u jaghmlu hafna attivitajiet u t-tifla minuri tkun kuntenta u kalma hafna.[8] Ighid ukoll li jippartecipa hafna fl-edukazzjoni taghha u t-tifla sejra tajjeb hafna l-iskola, tant li l-iskola xtaquha tiehu sehem f'kompetizzjoni tal-matematika.

Jammetti li t-tifla ghandha diversi attivitajiet extra-kurrikulari u tehodha l-attrici. Jaqbel ukoll illi l-ghalqa tal-partner tal-attrici jaghmel tajjeb lill-minuri peress li zzomm l-annimali hemmhekk u anke tikkoltiva xi hxejjex.

Ghalhekk jitlob li l-kura u kustodja  ghandha tkun wahda kongunta u dan peress li t-tifla tinstab iktar kuntenta hekk.

**Martina Seychell**, l-ghalliema tal-minuri N  tikkonferma li hija tifla intelligenti hafna u kienet ilha tghallimha minn Jannar 2021. Tghid ukoll li t-tifla obedjenti u tistinka hafna. Tikkonferma ukoll li l-minuri tippartecipa hafna waqt il-lezzjonijiet.

**Raymond Camilleri,** Kap tal-Iskola Virtwali jikkonferma li l-attendenza tal-minuri N  hija wahda regolari u bhala studenti hija biezla hafna, tikkoopera u bil-ghaqal u ommha tassistiha hafna.

**Stephanie Mizzi**, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg tikkonferma li hija s-social worker tal-attrici. L-ewwel li l-attrici kienet ghamlet kuntatt maghhom kien fi Frar, 2019, imbaghad kien inqata' ghal ftit u regghet ghamlet kuntatt maghhom f'Lulju, 2020. Dak iz-zmien kienet ghamlet kuntatt maghhom peress li kellha problemi fir-relazzjoni mal-ex partner taghha u kienet esprimiet l-intenzjoni li tkun iktar prezenti f'hajjet it-tifla N, peress li l-konvenut kien qed jimpediha milli taghmel dan ghax kienet qed tghix mieghu.

[8] Dok. RC 5

Prezentement iktar jikkomunikaw permezz ta' telefonati biex dejjem taghtiha dak is-support li ghandha bzonn. Ikkonfermat ukoll li t-tifla minuri N llum qed tghix maghha u tghidlilha li johorgu hafna flimkien fil-weekend.

Ziedet tghid li s-servizz ghall-attrici dejjem ser ikun hemm sakemm hi thoss li ghandha bzonnu.

**Louise Girlando**, fil-kapacita' taghha ta' psikoterapista tal-attrici u tal-minuri Nina tikkonferma li hija specjalizzata f'Drama Therapy u kienet ikkuntatjatha l-attrici li xtaqet ftit sezzjonijiet bhala support, bhala ghajnuna fir-relazzjoni taghha mat-tifla minuri N. L-ewwel darba li kienet iltaqghet mal-attrici kien f'Jannar, 2021.

Kienet indunat li t-tifla kienet tippreferi li jinzammu s-sezzjonijiet fil-presenza tal-attrici u ghalhekk fl-ewwel zewg sezzjonijiet kienu ghamlu l-assessments u x-xoghol flimkien. Kienet anke tiltaqa' mal-attrici wahedha, izda kienu qablu li jimxu b'mod kongunt. Permezz tad-drama u l-loghob kien irrizultalha li t-tifla, ghall-eta' li ghandha tilghab b'mod tajjeb u adattat ghall-eta' u zvillup taghha biex tibni atteggjament mal-omm.

Tghid li sakemm il-kawza tinqata' u t-tifla tkun taf jekk hix ser tibqa' mal-attrici jew mal-konvenut, ser tkompli tibni fuq ir-relazzjoni bejn it-tifla u ommha u toffrilhom is-support tramite l-loghob. Izid tghid li t-tifla tigi herqana u kunfidenti biex tilghab, tkun anke eccitata, izda gieli jkollha ansjeta' ghax tkun trid li xi hadd minnhom  ikun qed jaraha.

In kontro-ezami tichad li l-attrici kienet semmitilha li kellha problemi ta' vjolenza fuq it-tifla biex tikkoregiha.

Tispjega ukoll illi minhabba  l-kawza l-Qorti toqghod lura milli tiskopri wisq fuq il-karattru tat-tifla u dan minhabba  li tirrovina l-kuncett tat-terapija.

Tinsisti li t-terapija ghandha tibqa’ sejra biha u wara li tinqata’ l-kawza tkun tista’ tiftah aktar maghha u tara b’mod iktar iddetaljat il-bzonnijiet tat-tifla.

In kontro-ezami tishaq li l-iskop ahhari ta’ dina t-terapija hija li t-tifla jkollha spazju fejn thossha sigura u tesprima ruhu b’mod shih. Tghid pero’ li ghakemm tidher li qed timmatura, ma tistax tasal ghal dan l-iskop ahhari ghax ghalissa kif spjegat qed tibqa’ lura milli taghmel *assessment*.

**Marielise Scicluna,** fil-kapacita’ taghha ta’ *counselling psychologist*, tikkonferma li l-attrici hija l-klijenta taghha u taraha biex fejn tista’ toffrilha s-support. Tghid li hija in kuntatt maghha regolarment u ghalkemm il-preokupazzjonijiet tal-attrici huma dawk ta’ kull genitur, hi jkollha bzonn iktar ghajnuna ghax tkun anzjuza u jkollha bzonn parir kif ser issolvi d-diffikultajiet.

**Andreana Gellel**, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg xehdet dwar ir-rapporti li esebiet. Dwar l-access tal-missier mal-minuri, tghid li ma tantx kien hemm il-htiega li jintervjenu peress li l-konvenut juza l-hin tajjeb u jiehu pjacir mat-tifla.

Kien anke jikkoreggi lit-tifla jekk kienet taghmel xi haga hazina u kien juriha x’kien jippretendi minnha.

Tispjega li l-access kien supervizjonat ghall-bidu peress li kien hemm allegazzjonijiet da parti tal-attrici li l-konvenut seta’ jabbuza mill-minuri minhabba l-passat tieghu f’relazzjoni precedenti. Kien hemm ukoll problema li l-attrici kienet thossha kkontrollata hafna mill-konvenut u kienet tibza’ li tramite t-tifla kien jikkontrollaha.

Kien ghalhekk li fir-rapport ta’ Settembru, 2021, kienu talbu li jsir *forensic assessment.* Kienet prezenti ghall-ewwel laqgha biex tintroduci l-partijiet u sabiex tispjega l-*psychologist* x’kienu l-ghanijiet taghhom u mit-testijiet li ghamlet irrizultalha li l-konvenut ma kienx bniedem li kien ser jaghmel xi haga hazina aktar minn persuna normali. Ma rrizultax li seta’ kien  iktar problematiku minn persuna normali.

Tispjega li l-genituri ghandhom modi differenti ta' kif irabbu u jgibu ruhhom mat-tifla. It-tifla hija intelligenti u tirrealizza dan u taf taghzel u x'ghandha taghmel mal-genituri sabiex tigbid is-simpatija u tiehu r-ragun mal-genituri differenti.

Dwar il-konvenut tghid li ghandu mod kif jirraguna mat-tifla u jitkellem maghha, iggib ruhha ta' mara zghira, filwaqt mal-attrici tkun hafna *challenging*, qisu tisfida lil ommha iktar u twaqqalha s-sens ta' Awtorita' u konsegwentement, l-attrici ssibha iktar difficli biex iggib ruhha aktar kalma.

Il-preokkupazzjoni taghhom hija li t-tifla tinnota dina d-differenza u tuzaha kif jaqblilha u oltre minn hekk peress li l-partijiet ma jikkomunikawx bejniethom ma jgibux ruhhom sew quddiem it-tifla u jwassal ghall-inkonsistenza fiha.

Dwar l-allegazzjonijiet ta' vjolenza li ssemmi t-tifla dwar ommha, tghid li dawn issemmew bhala incidenti izolati u kienet tkellmet mal-attrici dwar dan u rrizulta li t-tifla taf tajjeb x'buttuna ghandha taghfas biex tiffrustraha u minhabba dawn id-diffikultajiet, l-attrici mhux qed jirnexxielha tesprimi u turi r-rwol taghha sew.

Dwar il-konvenut tghid ukoll li jarawh biss erba' sieghat mat-tifla u ghalhekk jekk ikollu izjed hin mat-tifla ma setghetx tghid fic-cert kif igib ruhu. Ghalhekk tirrakkomanda li jkun hemm parent coach li jista' jaghtihom parir u jkun prezenti waqt l-access halli jkun jista' jghinhom dak il-hin kif ghandhom igibu ruhhom, halli b'hekk ikunu iktar konsistenti, ghaliex iktar ma jghaddi l-hin it-tifla ser tkun iktar intelligenti minnhom biex tuza dawn is-sitwazzjonijiet kif jaqblilbha,

Izid tghid li m'hemmx iktar htiega li l-access jibqa' jsir taht supervizjoni dejjem jekk ghall-*Forensic Psychologist* ma kienx hemm iktar inkwiet u minflok isir monitoring mill-Appogg u l-access jista' jizdied u jsir barra mill-Appogg *b'surprise visits.*

Dwar it-tibdil tal-attitudni tal-minuri, wara li tkun ezercitat l-access, tghid li dan huwa normali peress li kien hemm tibdil fic-cirkostanzi u l-ambjent. Pero' tghid ukoll li anke jekk it-tifla ssemmi xi haga kontra l-omm waqt l-access, il-konvenut qatt ma jghaddi kliem dispreggjattiv kontra l-omm.

**Marie Bajada** ghan-nom tad-Direttorat Ghall-Harsien tat-Tfal spjegat li sabiex waslet ghar-rapport taghha kkunsidrat diversi dokumenti li setghu tawha indikazzjonijiet jekk il-konvenut kienx iktar propens minn persuna normali li jabbuza sesswalment minn minuri.

L-informazzjoni li ngabret kienet mill-inkjesta illi saret fil-konfront tal-konvenut fil-passat fejn kienet tirrigwarda allegazzjonijiet ta' natura sesswali fuq il-minuri B  u A C  li twieldu fiz-zwieg tieghu, rat ukoll il-medjazjoni, il-fedina penali, kif  ukoll ir-rapport ta' Carmen Sammut.

Tammetti li ma kinitx dahlet fil-kwistjoni tal-*priming* peress li dawn kienu diga' gew ittrattati fl-inkjesta u ma kienx hemm evidenza li turi li sar abbuz sesswali. Li kieku kien jirrizulta dan kien jehtieg *assessments* iktar applikabbli ghalih biex jindikaw x'riskju kien hemm u anke jekk ghamlet dawn l-*assessments* zgur kien ser jigi *low risk.*

Tikkonferma li kienet waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha bla ma qrat ix-xhieda tal-attrici u dak tal-konvenut u lanqas il-kontro-ezami, kienet rat biss id-digriet, izda lanqas kien hemm il-htiega ai finijiet tal-*assessment t*aghha.

Tghid ukoll li ma kienx hemm bzonn li jsir *personality assessment* peress li ma kienx hemm il-htiega li tiddentifika ghandux issue bil-personalita' tieghu. Lanqas m'ghamlet *sex offender treatment intervention* peress li l-konvenut

m'ghandux fedina penali fejn jirrizulta li kien hemm c*onvictions* fuq abbuz sesswali, certu *psychometric tests* ma setghux jintuzaw biex jaghtu score.

Dwar ir-relazzjoni tal-konvenut ma' uliedu miz-zwieg A u B tikkonferma li llum ma tezisti ebda relazzjoni, pero' qabel setghet tikkonferma li iktar kellu relazzjoni tajba ma' A u dan peress kelli d-dubbji tieghu jekk B kienx ibnu jew le.

Tghid ukoll li ma kinitx qrat is-sentenza bejn il-konvenut u ex martu J C.

Tispjega ukoll illi peress li l-konvenut kien attenda s-sezzjonijiet bil-kompjuter u peress li kien hemm allegazzjonijiet li jara l-pornografija fil-presenza tat-tifla li kellu miz-zwieg, kien rat il-history tieghu u ma kienux irrizultaw siti pornografici u kienet marret lura xhur fil-history tieghu. In kontro-ezami kkonfermat ukoll li kienet konsapevoli li l-konvenut kien midhla sew tal-IT u t-teknologija.

Taqbel ukoll illi hafna drabi l-persuni li jkunu qed jigu assessed ghall-abbuz ikunu *on their best behaviour* u zzid tghid li hemm dawk li jammettu li ghandhom problema u hemm dawk li ghalihom tkun haga normali u ma jhossux li qed iwettqu xi att kriminali.

Issemmi ukoll li l-importanti f'dan il-kaz hija r-relazzjoni tal-konvenut ma' bintu N. Kienet ghamlet zmien tghix mieghu wahedha meta l-partijiet kienu telqu lil xulxin u mill-informazzjoni li ghandha tghid li ma kienx hemm rapporti godda jew indikazzjonijiet godda li l-konvenut seta' wettaq xi abbuz. Ma teskludix li kien hemm fil-passat mat-tfal li kellu fiz-zwieg u ghalhekk tifhem il-bizghat tal-attrici, pero' certament ma jfissirx li necessarjament l-abbuz ser jirrepeti ruhu.

Tammetti li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-attrici kienet giet mcahhda ghal xi zmien milli tara lil bintha u dan minhabba li l-konvenut kien zamma mieghu. Jidher li l-konvenut kien jinkwieta minhabba l-istat mentali tal-attrici li kieku t-tifla kienet maghha, izda fl-istess waqt innutat li kien difficli ghall-attrici li tara lil bintha u dan minhabba li l-konvenut kien poggiha f'dina s-sitwazzjoni.

Tikkonferma li ma dahlitx fil-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex ma kienx kompitu taghha, izda kellha tibbaza r-rapport taghha fuq self-reporting tal-konvenut u fuq dokumenti li elenkat fir-rapport taghha stess.

**Rebecca Overend**, in rapprezentanza tad-Direttorat ghall-Kura Alternattiva, tikkonferma li kienet taf lill-konvenut peress li kienet prezenti ghas-SAV's ghal mal-minuri kull gimgha bejn il-5 sas-7 pm. Tikkonferma li r-relazzjoni bejn il-konvenut u l-minuri minn dejjem kienu pozittivi u l-minuri dejjem kienet tiftah qalbha ma' missierha u anke maghhom u sahansitra kienet anke tilghab maghhom.

Ikkonfermat illi kien hemm darba fejn it-tifla semmiet li ghaliex m'obditx lil ommha kienet tatha daqqa ta' hartha.

**Jacqueline Nikolosi**, in rapprezentanza tad-Direttorat ghall-Kura Alternattiva, tikkonferma li kienet taf lill-konvenut peress li kienet tpoggiet bhala *support social worker replacement* xi darbtejn.

Bhala andament tikkonferma li kien pozittiv hafna u bejn il-konvenut u l-minuri kien hemm hafna partecipazzjoni.

Dwar xi incidenti tikkonferma li darba l-minuri N kienet qisha bil-geddum u meta missierha saqsiha x'gara kienet qaltlu li l-attrici kienet gibditha minn xagharha u

sabtitha fuq is-sodda. Kienet irrabbjat maghha u kienet heddidtha li jekk kienet ser igib ruhha hazin ma kinitx ser tara lil nannu.

**RC ,** oht il-konvenut tghid li l-huwha minn dejjem kellu qalb tajba u li lest li jghin lil kulhadd u kienet ghalhekk mhassda meta l-ex mara tieghu kienet akkuzatu b'certu affarijiet. Izzid tghid li f'tletin sena qatt ma ratu jkun vjolenti u li qabbditu jara xi pornografija.

Tispjega li bintu N hija mimmi t'ghajnejh u jiddedika hafna hin ghal maghha u kien jivvinta xi crafts biex jaghmlu flimkien, biex tkun ferhana. L-istess kien jaghmel ma' uliedu l-ohra li kellu miz-zwieg A u B .

Tammetti li l-konvenut kien hadha bil-kbira meta ibnu B ma riedx jattendi aktar ghall-access li kien qed isir taht supervizjoni. Kien anke jhobb ighallimha. Il-parental alienation li kellu minhabba z-zwieg tieghu, wassal sabiex ikollu attitudni ohra ma' bintu Nina.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Kura u Kustodja**

B'digriet tat-3 ta' Novembru, 2020, dina l-Qorti kienet fdat il-kura u kustodja tal-minuri N esklussivament f'idejn l-attrici u dan meta kienet ilha tghix mal-konvenut ghal xahrejn shah.

Ir-relazzjoni bejn il-partijiet ma kinitx sejra tajjeb u l-attrici kienet thoss li ma kellha l-ebda awtorita' fejn tidhol it-tifla u kien biss il-konvenut li kien jiehu decizjonijiet.

Mhux ikkontestat li kien il-konvenut li kien iddecieda li jkecci lill-attrici u lanqas mhux ikkontestat li kien jheddidha b'diversi messaggi li kien jibghatilha. Jinnega li kien jezercita vjolenza domestika, u jekk kien hemm theddid anke permezz tal-messaggi, in kontro-ezami qal dan ma kienx fuq il-persuna tal-attrici.

Ir-relazzjoni difficli mal-konvenut wassal sabiex l-attrici kellha problemi mentali ghal certu perjodu fejn kien hemm attentat ta' suwicidju ghaliex kienet thossha omm imkompetenti.

Huwa kkonfermat mill-konvenut li l-minuri bdiet thossha ahjar meta nfirdu ghax ma baqghetx tara glied. Jammetti ukoll li l-attrici hadet il-kura necessarja u tidher li ghamlet hafna progress u anke sahansitra l-minuri hadet ir-ruh.

Effettivament, fir-rapport taghha Dr. Bezzina Xuereb ikkonkludiet illi "***the progress made attests to her mental stability, level of personal growth, and competence with regard to being a parent.***" Ikkonkludiet ukoll illi Nina tirrapprezenta "***a strong protective and motivational factor in taking good care of her health.***"

Enfassizzat ukoll illi ***"the progress made has been despite the relentless emotional and psychological burden placed on her by her ex-partner. Furthermore, there have been episodes of physical abuse, even reported to the competent authorities."***

L-attrici ukoll ma baqghetx passiva fil-konfront tal-problemi li hi bdiet thoss li ghandha u sabiex issib is-support li ghandha bzonn fitxet l-ghajnuna ta' tlett professjonisti Dr.Louise Girlando, Dr. Marielise Scicluna **u** Dr. Maria Bezzina Xuereb. Gie kkonstatat li dawn il-professjonisti jahdmu id f'id u jghinu lill-attrici

kif ghandha ggib ruhha mat-tifla u fl-istess waqt ighinu lill-minuri fir-relazzjoni taghha mal-attrici ommha.

Illum gie stabbilit minn Dr. Marielise Scicluna li l-attrici iktar ghandha bzonn support meta tiffacca xi diffikultajiet minhabba l-ansjeta' taghha, iktar milli ghad ghandha bzonn terapija u ghalhekk is-servizz taghha ser jibqa' ghaddej sakemm l-attrici ihoss li ghandha bzonnu.

Tqajjmet ukoll l-allegazzjoni ta' riskju ta' abbuz sesswali fuq il-minuri da parti tal-konvenut. Din l-allegazzjoni hija certament konsegwenza tal-relazzjoni tal-konvenut ma' uliedu miz-zwieg li kellu ma' J C. Fis-sentenza ta' separazzjoni li nghatat minn dina l-Qorti diversament ippreseduta fl-**ismijiet JC vs RC Rik. 202/09 deciza fl-24 ta' Frar, 2022** il-Qorti ma eskluditx li kien hemm certi riskji li setghu gew assoggettati ghalihom il-minuri u anke peress li l-minuri ma ridux kuntatt ma' missierhom, l-access gie sospiz sakemm issir it-terapija relattiva.

Ciononostante, dina l-Qorti fil-kaz in kwistjoni tat dina l-allegazzjoni ta' abbuz fil-konfront tal-konvenut, l-importanza necessarja u sahanistra giet nominata forensic psychiatrist Dr. Marie Bajada li wara li ghamlet assessjar tal-konvenut ikkonkludiet li l-konvenut ma kienx iktar propens minn persuna normali li jabbuza sesswalment minn minuri.

Dina l-Qorti mhix konvinta li dina l-istess Bajada ghamlet analizi u assessjar sew tal-kaz ghax tametti li kienet illimitat ruhha ghall-inkjesta li kienet saret fil-konfront tal-konvenut fir-rigward tal-allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu mill-ex mara tieghu JC u rat biss id-digriet u r-rapport ta' Carmen Sammut.

Eskludiet ix-xhieda tal-attrici, kif ukoll dak tal-konvenut, izda tinsisti li dan ma kienx necessarju ghaliex ma kinitx interessata fir-relazzjoni taghhom u ugwalment kienet konvinta li kien hemm "low risk" da parti tal-konvenut.

Di piu' x-xhieda ta' dina Bajada tkompli tohloq fiha incertezzi, meta xehdet li ma tantx tifhem fil-kompjuters, izda peress li ndunat li l-konvenut kellu l-laptop tieghu waqt li kellha sezzjoni mieghu, kienet talbitu tara l-history tieghu u ma rrizultax li kien ghamel uzu minn siti pornografici tul l-ahhar ftit xhur. Il-konvenut huwa persuna li jahdem fl-IT u certament l-esperjenza tieghu mhix dik ta' Bajada, kif tametti hija stess u ghalhekk dina l-Qorti hija konvinta li l-konvenut, fuq bazi ta' probabilita' seta' facilment dahhal lil Bajada minn but u harigha minn iehor fis-sens li l-esperjenza tieghu kienet twasslu sabiex jahbi kwalsiasi *browsing* li seta' ghamel.

Il-Qorti taqbel pero' sa certu punt ma' Bajada, li ma jfissirx li jekk kien hemm problemi mat-tfal li kellu miz-zwieg tieghu ma' J C , partikolarment ta' abbuz, ma jfissirx li qed jabbuza minn Ni ukoll. Kull kaz irid jigi analizzat ghalih wahdu.

Ir-relazzjoni bejn il-konvenut u l-minuri ma tirrizultax bhala wahda li hija difficli, anzi ma kienx hemm indikazzjoni ta' abbuz, pero' dina l-Qorti thoss li jekk kien hemm indikazzjonijiet fil-passat u l-konvenut huwa iktar midhla tal-proceduri legali, mhux eskluz li jaf xi tkun qed tistenna l-Qorti u x'ghandu jevita biex ma jergax jitlef lil uliedu, kif diga' gara. Facilment seta' jahbi l-fatti vera u anke jikkancella kwalsiasi tip ta' prova li setghet tikkonferma l-abbuz u dawn il-probabilitajiet jissahhu iktar tenut kont tal-impjieg tal-konvenut fl-ambitu tal-IT.

Il-konvenut jipprova jdawwar il-pinnur fuq l-attrici billi jakkuzaha li kienet vjolenti mat-tifla u kienet bdiet taghtiha u waddbitha fuq is-sodda. L-attrici ma sabet ebda problema sabiex tikkonferma li kien hemm incident ta' darba u dan

meta l-minuri kienet bdiet tirrabbja u kienet ser tkisser l-Ipad. L-attrici kienet konvincenti u bhal kull genitur wara *tantrum* tal-minuri tkun ippruvat tpoggi lit-tifla f'postha. Inoltre, dan kien incident izolat li ma jista' qatt iwassal lil dina l-Qorti sabiex izzomm lill-attrici responsabbli li wettqet vjolenza fuq il-minuri.

Il-konvenut ukoll jittenta jpoggi lill-attrici f'dawl ikrah u bhala inkapaci li trabbi lit-tifla minuri u dan peress li tigri biha bejn Malta u Ghawdex u anke minflok tibghatha l-Muzew tibghatha *pole dancing* u anke thalliha tara serje televizi li ma jghoddux ghaliha. Inoltre, jinsisti li l-attrici mhux omm idejali ghax ma tis tax toffri stabbilita' f'hajjet il-minuri u dan minhabba li bidlet l-impjieg taghha, kif ukoll bidlitilha l-iskola tlett darbiet.

In kontro-ezami, il-konvenut ma kienx konsistenti u lanqas ikkorrobora dak li xehed fuqu, fis-sens li l-attrici ghandha post Ghawdex u hi u l-minuri Ni jitilghu jqattghu l-weekends hemmhekk. Ighid li l-minuri kienet infurmatu li kienet ser terga' tibda tattendi l-Muzew u meta l-Qorti qieset dina s-serje "Wednesday" dina s-serje mhi xejn hlief *spin off* mis-serje tal-Addams Familja, li kwalsiasi familja bit-tfal kienet isegwi meta dawn l-episodji kienu jixxandru u ghalkemm xi kultant makabru kien programm satiriku.

L-iskola sar tibdil, ghax wahda minnhom giet ri-lokata u meta l-attrici marret tghix fid-dar ta' B'Bugia kien jaqbel izjed li tattendi dina l-iskola specjalment meta Hal Safi, il-klassijiet kienu jsiru gewwa container u di piu' hu l-konvenut kien jahdem hemm bhala LSE u l-minuri kienet thossha skomda.

Ghandu jigi kkunsidrat li ghalkemm kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut rispettivament jippruvaw jixhtu allegazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin, dina l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attrici, li llum mhux dejjem idejali li l-kura

u kustodja tal-minuri tkun wahda konguntiva u dan iktar u iktar meta l-partijiet ma jingibux u ghandhom problema ta' komunikazzjoni bejniethom.

Huwa fatt mhux ikkontestat, li l-partijiet ma jistghux jaraw ghajn b'ghajn u huwa impossibbli li jintlahaq kompromess bejniethom. Ghaldaqstant, kura u kustodja konguntiva tkun "counter-productive" u twassal biss sabiex ikun hemm iktar dizgwid bejn il-partijiet, segwiti minn rikors wara l-iehor u iktar stress u ansjeta' ghall-minuri, li diga' thoss li hemm certi incertezzi f'hajjitha sakemm jigi deciz ma' liema genitur ser tmur tghix.

Andreana Gellel in rapprezentanza tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal irrealizzat li t-tifla hija iktar intelligenti mill-genituri taghha u taf kif ghandha iddawwar is-sitwazzjoni ghall-vantagg taghha. Bhal fil-kaz tal-attrici, il-minuri taf tajjeb x'buttuna ghandha taghfas biex tiffrustraha u minhabba dawn id-diffikultajiet, l-attrici mhux qed jirnexxielha tesprimi u turi r-rwol taghha sew. Tkun izjed *challenging* u sfidanti mal-attrici, izda minhabba li ssir it-terapija saru hafna zviluppi f'dan ir-rigward.

Fis-sentenza **AB pro.et.noe. vs CDEF**[9] dina l-Qorti, kif diversament ippreseduta tenniet is-segwenti:-

***"Il-Qorti hi tal-fehma illi sabiex kura u kustodja tigi ezercitata b'mod kongunt bejn zewg genituri u tati frott mixtieq jehtieg li bejn il-konjugi jkun hemm ezistenti rapport civili u komunikazzjoni almenu civili. L-istorja taz-zewg partijiet f'din il-kawza turi bic-car illi bejn il-partijiet ma tezisti l-ebda komunikazzjoni civili."***

[9] Deciza 28 ta' Gunju, 2016 92/2010 RGM

Dina l-istess Qorti precedentement kienet diga' spjegat fis-sentenza **AA vs GA**[10] **is-segwenti:-**

***"Fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet fuq gia' maghmula, il-Qorti hi tal-fehma illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, tenut kont tal-kuntrasti spissi u irrikonciljabbli ta' bejn il-partijiet, ma hux fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri, ossia s-setgha tal-genitur, tigi affidata u ezercitata miz-zewg genituri flimkien. Bi storja ta' glied kontinwu fuq medda ta' snin bejn iz-zewg genituri, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi mhux fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tigi affidata liz-zewg genituri b'mod kongunt. Fic-cirkostanzi huwa indikat illi l-kura u kustodja ghandha tigi affidata f'idejn l-omm il-minuri."***

Jitqies ukoll li in kwantu jirrigwarda l-progress edukattiv, il-minuri N ma jidhirx li ghandha problemi, tattendi l-iskola regolarment u ghalkemm ghamlet zmien tattendi *online*, fiz-zmien il-Covid illum tattendi regolarment u ommha ssegwiha sew fl-istudji taghha. Ghalhekk jekk kien hemm xi problemi mal-attrici dawn kienu jigu riflessi fl-izvilupp edukattiv taghha.

Ghaldaqstant, hemm diversi sentenzi li jikkonfermaw li l-kura u kustodja hija decizjoni li tibbaza ruhha biss fuq dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri u thares lejn dan il-fatt.

Fis-sentenza **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003 intqal illi:-

***"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din ix-xorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa***

[10] Deciza 26 ta' Frar, 2015, 22/2009 RGM

***vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut…."***

Skond is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar, 2018:-

***"Il-Qorti ghaldaqstant, ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili. Illi kif kellha l-okkazzjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna huwa 'l fuq iccitata."***

Fid-dawl ta' dak kollu ikkunsidrat dina l-Qorti tikkonferma d-digriet taghha tat-13 ta' Novembru, 2020 u tafda l-kura u kustodja esklussivament lill-attrici u dan minhabba r-ragunijiet u kkonsiderazzjonijiet fuq esposti.

Madankollu, il-Qorti ma tarax li hemm l-estremi biex il-missier jigi svestit mis-setgha ta' genitur, u ghalhekk dik it t-alba ser tigi michuda.

**<u>Access</u>**

Inizijalment f'dina l-kawza *pendente lite* u fuq rakkomandazzjonijiet tal-Apoogg, l-access kien qed jigi ezercitat taht supervizjoni u eventwalment gie sostitwit b'moniteragg, sakemm fir-rapport finali li pprezentat Andreana Gellel fl-4 ta' Jannar, 2023,[11] gie rrakkomandant li peress li r-relazzjoni bejn il-konvenut u l-

[11] Dok. VC Vol. 3 tal-process

minuri kienet tirrizulta bhala wahda pozittiva ma kienx jehtieg li jkun hemm iktar moniteragg.

Dina l-Qorti kkonfermat dina r-rakkommandazzjoni fl-10 ta' Jannar, 2023, b'dana pero' li n-nanniet paterni ghandhom dejjem ikunu fil-presenza tal-minuri waqt l-access.

L-attrici da parti taghha ghadha qed tinsisti li jkun hemm access taht supervizjoni u dan minhabba l-vjolenza domestika li giet kommessa kif ukoll minhabba l-allegazzjoni ta' abbuz sesswali fuq il-minuri.

Dina l-Qorti m'ghandhiex dubbju li r-relazzjoni bejn il-konvenut u l-minuri hija wahda pozittiva u li fil-presenza tar-rapprezentanti tad-Direttorat dejjem gab ruhu sew u kkoregga lit-tifla  minuri meta kien jehtieg.

Jibqa' l-fatt ukoll kif ipprecizat Andreana Gellel, il-hin li jqatta' l-konvenut mal-minuri huwa dak ta' erba' sieghat waqt l-access kemm supervizjonat jew taht moniteragg u ghalhekk mhux hin bizzejjed sabiex jaraw il-komportament tieghu jinbidel u dan meta kkomparat mal-attrici li tqatta' hin itwal maghha li jista' jwassal ghal xi dizgwid bejniethom.

Gellel ukoll waslet biex irrakkomandat li sabiex tirrenja s-stabbilita', l-genituri ghandhom isegwu xi forma ta' *parent therapy* biex jitrawmu kif ghandhom jaslu ghall-kompromess bejniethom u per konsegwenza t-tifla tkun taf izjed fejn qieghdha u inoltre jigi evitat li l-istess minuri tiehu vantagg mis-sitwazzjoni u ddawwru favuriha.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, ikun opportunli l-access jibqa' jigi ezercitat fil-presenza tan-nanniet paterni izda sa tmiem din is-sena kurrenti, 2023, kull nhar ta' Tnejn u Hamis bejn l-4 pm sat-8 pm, b'dana li l-partijiet ghandhom jibdew il-parental therapy ma' Elaine Schembri Lia, li qed tigi nominate mill-Qorti ghal dan l-iskop. Minn Jannar, 2024, l-access ikun wiehed liberu.

**Manteniment**

Permezz tad-digriet tad-9 ta' Frar, 2021, dina l-Qorti kienet ordnat li l-konvenut ghandu jhallas manteniment pendente lite fl-ammont ta' €320 fix-xahar, liema ammont jinkludi ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Fil-verbal tas-seduta tal -15 ta' Gunju, 2021, l-attrici kienet ikkonfermat li kienet kuntenta b'dan l-ammont u ma kinitx ser tressaq izjed provi f'dan is-sens.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonferma li l-ammont ta' manteniment ghall-minuri Nina ghandu jkun fis-somma ta' €320 inkluz l-ispejjes edukattivi u tas-sahha kull erba'  gimghat, liema ammont ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

L-attrici ghandha ukoll tindika kont bankarju li fih l-istess ammont ghandu jigi depositat l-istess manteniment.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici kif fuq imfisser.
2. Tichad ir-raba' u l-hames talba attrici u tiffissa access kif fuq imfisser.
3. Tilqa' s-sitt, seba' u tmien talba attrici kif fuq imfisser.
4. Tilqa' d-disa' u l-ghaxar talba attrici.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**